MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' Awwissu, 2006

Appell Kriminali Numru. 112/2006

**Il-Pulizija**
**Vs**
**(Spt. Stephen J. Gatt)**

**Stephen Galli**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-10 ta' Ottubru 2005,**
**1) ikkommetta serq ta' basket mill-hanut 'Optika' li jinsab fi Triq x-Xatt, Sliema li kien jikkontjeni flus u oggetti ta' valur ghad-dannu ta' Nataline u Karen Chetcuti kif ukoll tal-Optika Limited, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin izda huwa aktar minn mitt lira Maltin;**

**2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew imexxihom;**

**3) fil-hdax ta' Ottubru 2005 f'Tas Sliema ghal habta tal-hamsa w nofs ta' filghaxija, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubbliku, kontra PS 1136 Fabian Fleri u PC 315 Shaun Galea, persuni nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond l-ligi mill-awtorita kompetenti;**

**4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PS 1136 Fabian Fleri u PC 315 Shaun Galea, persuni nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jghamlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bi hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan kif iccertifika Doctor Camilleri MD tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira;**

**5) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallihx jew fixxklu waqt li kien qed jaghmel d-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond l-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun;**

**u,**
**6) irrenda ruhu recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fit-tlettax ta' Ottubru 2004 mill-Magistrat Dottor Anthony J. Vella.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Marzu, 2006, li biha,

wara li rat l-Artikoli 221, 261, 267, 279, 334, 96, 95, 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess salv dik l-akkuza ta' ricettazzjoni li nghatat mill-Prosekuzzjoni bhala akkuza alternattiva ghal akkuza ta' serq, u kkundannatu ghal piena karcerarja effettiva ta' sentejn u nofs.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-5 t'April, 2006 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija tal-ewwel akkuza ta' serq aggravat u konsegwentement tas-sitt akkuza ta' recidiv, izda tillibera lill-appellant mill-akkuzi l-ohra w timponi sentenza aktar ekwa w gusta.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe' li ma saritx ammissjoni fuq l-akkuzi kollha izda fuq l-ewwel akkuza biss. Hu kien ghamilha cara li kien qed jammetti fuq is-serq, izda mhux li sawwat lill-Pulizija. Anzi jsostni li kienu l-pulizija li sawwtuh u mhux bil-kontra. Fil-fatt hu stramb kif l-akkuzat ammetta l-ewwel akkuza ta' serq aggravat u ammetta wkoll l-akkuza ta' ricettazzjoni li hija wahda alternattiva ghas-serq, u hu impossibbli li wiehed jinstab hati fuq dawn iz-zewg akkuzi fuq l-istess fatt u oggetti. B' hekk dan jindika car li certament kien hemm zball f' xi stadju tal-proceduri u fuq x' hix l-appellant kien qed jammetti.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Prosekutur Stephen Gatt fl-udjenza tat-18 ta' Mejju, 2006;**

**Rat ir-rikors tal-appellant tal-25 ta' Mejju, 2006, ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex hu jkun jista' jixhed;**

**Rat il-verbal tal-1 ta'Gunju, 2006, fejn Dr. S. Tonna Lowell ghall-prosekuzzjoni ma oppniex li jixhed l-appellant;**

**Semghet ix-xhieda tal-appellant**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-uniku aggravvju li ghandu l-appellant hu li hu kien ammetta biss l-akkuza ta' serq kwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin izda hu aktar minn mitt lira u dik tar-recidiva imma ma kienx ammetta l-akkuzi l-ohra meta deher quddiem l-ewwel Qorti.**

**Illi meta l-appellant tressaq taht arrest fit-13 t' Ottubru, 2005, fl-ezami tieghu kien wiegeb li mhux hati (Fol. 9 tal-process) u dak in-nhar stess kien inghata l-liberta' provizorja. (fols. 9 u 10). Il-gbir tal-provi kellhu jibda fit-2 ta' Novembru, 2005 izda dak in-nhar l-appellant ma deherx (Fol. 16). Fis-16 ta' Novembru, 2005, xehed l-Ispettur Stephen Gatt u saret nomina ta' Dr. S. Farrugia Sacco LL.D. bhala espert. Fost id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Gatt kien hemm l-istqarrija bil-miktub tal-appellant . (fols. 21 u 22). Gew esebiti ukoll certifikati medici ta' PC 1136 Fabian Fleri (fol. 23) u ta' PC 315 Sean Galea (Fol. 24) , kif ukoll l-okkorrenza (fols. 26, sa 28) fejn jinghid : *" As he was found, same* (l-appellant*) tried to jump in another yard as to escape but the police hald* (Sic!) *him and he started to push the police so he was restrained and was handcuffed but same still continued to resist and pushed PS 1136 and kicked him nearly pushing over the ledge so the police lowered him to the ground with the help of PS 909 and PC 309 .."***

**Fid-29 ta' Novembru, 2005, il-prime note jghidu testwalment hekk :-**

**"Meta ssejjhet il-kawza deher l-Ufficjal Prosekutur Stephen J. Gatt.**

“Deher ukoll l-imputat assistit minn Dr. Angelo Farrugia.
“L-imputat f’ dan l-istadju jirregistra ammissjoni.
“Kawza differita ghall-nhar l-14 ta’ Dicembru, 2005, fid-9 00am.”
**(emfasi tal-Qorti).**

**Fl-erba differimenti sussegwenti jidher li deher l-appellant mhux assistit u fis-16 ta’ Jannar xehdet l-il-probation officer Marietta Lanzon (Fols. 35 et seq.) Fl-1 ta’ Frar, 2006, rega’ deher l-appellant mhux assistit u xehed Dr. Stephen Farrugia Sacco, li ma setax jaqdi l-inkariku tieghu li jaghmel prints ta’ CD kif kien gie nominat u imqabbad li jaghmel fil-bidu tal-kawza. Aktar tard deher Dr. Edward Gatt li pprezenta nota tieghu w ta’ Dr. Angelo Farrugia li biha rrinunzjaw ghall-patrocinju tal-appellant (Fols. 37 u 38). Saru xi differimenti ohra w fit-13 ta’ Marzu, 2006, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta’ Marzu , 2006 meta rega deher l-appellant mhux assistit u l-kawza giet deciza.**
**Fis-sentenza appellata jinghid hekk “inter alia” :-**

***“Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti tas-seduta ta’ nhar id-disgha w ghoxrin ta’ Novembru, 2005 [fol. 29] u dan fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.” U “illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap.9 u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li hu hati din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu z-zmien xieraq biex jekk irid, jerga’ lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz ta’ din l-ammissjoni tieghu..”***

***“illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li qed issibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu salv dik l-akkuza ta’ ricettazzjoni li nghatat mill-prosekuzzjoni bhala akkuza alternattiva ghall-akkuza ta’ serq.”***

L-appellant fir-rikors tal-appell tieghu kif ukoll meta xehed quddiem din il-Qorti qed jallega li hu kien ammetta biss l-akkuza ta' serq.

L-Ispettur Stephen Gatt**, meta xehed quddiem din il-Qorti fl-udjenza tat-18 ta' Mejju, 2006, baqa' jtenni li l-appellant kien ammetta fuq kollox u bla ebda rizervi w dan fil-prezenza tal-Avukat tieghu, Angelo Farrugia. Mbaghad il-Qorti riedet tisma' lill-probation officer tieghu dwar il-kondizzjoni socjali tal-appellant, qabel ma taghti s-sentenza. L-appellant kien imdejjaq hawn Malta u kien qed jitlob li jmur l-Amerika, fejn hu ghandu c-cittadinanza Amerikana, u minn fejn kien gie. Ghandu hafna sentenzi kemm appellati u kif ukoll x' jiskonta w jrid jehles minn dawn is-sentenzi w jaghmilhom habs halli jkun jista' jitlaq lejn pajjizu.**

**Da parti tieghu,** l-appellant, **li ddikjara li jifhem bil-Malti pero' xtaq li jxhed bl-Ingliz**, **xehed li hu ghadda minn hames proceduri. L-ewwel darba kellu lill-Avukat Anglu Farrugia bhala avukat. Hu ma setax jaffordja li jhallsu w ghalhekk l-Avukat ma deherlux aktar. Meta l-probation officer tieghu Marietta Lanzon ghamlitlu id-domanda jekk hux hati jew le ta' "*to any of the charges"*, hu rrisponda *"yes I am guilty to one charge."* Meta gie osservat lilu mill-Qorti li l-probation officer mhux xogholha tistaqsi jekk l-akkuzat hux hati jew le u li m' ghandhiex *"standing in Court at that point"*, l-appellant wiegeb : *"No she has no standing but at that point when* (Magt.) *Scerri Herrera asked me whether I was guilty to any of the charges I told her yes one and she* (prezumibbilment Marietta Lanzon) *was there as a witness."* Mistoqsi mill-Qorti : "*Which charge were you pleading guilty to?",* l-appellant wiegeb : *"With the charge of theft."* Mistoqsi mill-Qorti : *"You know what other charges; what other offences you were charged with?"* wiegeb : *"No I don't. I know."* Ghad-domanda tal-Qorti : "*With regards to an incident with the Police, you know that you were charged with a number of offences?* wiegeb : *"Yes and I was not guilty of those charges."***

**In kontro-ezami, ghad-domanda tal-Prosekuzzjoni: *“”Were you assisted by a lawyer during that sitting?”,* wiegeb: *“Just the first sitting with Anglu Farrugia, but I could not afford to pay him any longer and…”* u ghad-domanda: “…*When you pleaded guilty, were you assisted?”,* wiegeb : *“No. No. and I told her that I did not have a lawyer.”* Ghad-domanda tal-Prosekuzzjoni: *“When was the first time when you appointed Dr. Farrugia as your lawyer?”*, wiegeb : *“On the first time I went to the Court sitting. I hired him that day.”***

**Ikkonsidrat;**

**Illi kjarament hemm kontrast bejn dak li xehed l-appellant mill-banda l-wahda u dak li xehed l-Ispettur Gatt u dak li hemm verbalizzat fl-atti processwali, mill-banda l-ohra. Pero’ fid-depozizzjoni tieghu, l-appellant kien konfuzjonarju ghall-ahhar u beda jikkontradici lilu nnifsu fl-istess nifs jew l-ewwel jghid haga, mbaghad jghid ohra. Hekk l-ewwel beda biex qal li kienet il-probation officer Marietta Lanzon li staqsietu jekk kienx hati jew le. Meta l-Qorti ppressatu dwar dan u qaltlu li mhux xoghol il-probation officer li taghmel din id-domanda, dawwar kollox u qal li kienet l-Magistrat Scerri Herrera li staqsietu did-domanda imma Lanzon kienet prezenti w xhud. Illi mill-process jirrizulta li l-appellant ma kienx ammetta meta sarlu l-ezami imma wiegeb mhux hati fl-ewwel seduta meta tressaq il-Qorti fit-13 t’ Ottubru, 2005. Invece jirrizulta li hu irregistra ammissjoni spontanja meta l-process kien gja ilu li beda w precizament fid-29 ta’ Novembru, 2005, u cioe’ fir-raba’ seduta quddiem l-Ewwel Qorti. F’ ebda wahda minn dawn is-seduti ma tirrizulta l-prezenza tal-probation officer u din tissemma biss fis-seduta sussegwenti tal-14 ta’ Dicembru , 2005, fis-sens biss li kienet tinsab ikndisposta. Dehret biss ghall-ewwel darba fis-16 ta’ Jannar, 2006 , kwazi xaharejn wara l-ammissjoni. (fol. 34). Inoltre, skond il-verbal tad-29 ta’ Novembru, 2005, (Fol. 29) jirrizulta li hu kien assistit minn Dr. Angelo Farrugia. Pero’ bil-gurament tieghu jixhed li**

**meta ammetta, Dr. Farrugia, li kien qabbdu fl-ewwel seduta biex jassistieh, ma kienx prezenti meta iddecieda li jammetti. L-Ispettur Gatt isostni li meta saret l-ammissjoni l-appellant kien assistit minn Dr. Farrugia. L-appellant xehed li lil Dr. Farrugia inkarigah fl-ewwel seduta. Deherlu darba u ma setax ihallsu w ma deherlux aktar. Imma mill-verbali jidher li Dr. Farrugia kien deher biss fir-raba' seduta u cioe' meta saret l-ammissjoni. Kontradizzjoni ohra hi li meta gie mistoqsi jekk jafx li kellu akkuzi ohra barra dik tas-serq, f' nifs wiegeb kontradittorjamernt : <u>"No I don't. I know."</u> Meta rega gie mistoqsi: "you were charged with other offences?" did-darba wiegeb: "Yes and I was not guilty of those charges."'**

**Illi minn dawn ir-risposti inkonsistenti li ta l-appellant u li jikkozzaw mall-verbali tal-atti processwali, din il-Qorti tara li l-appellant xejn mhu affidabbli f' dak li qed jallega. Kif intwera', fil-verbal tas-seduta tad-29 ta' Novembru, 2005, ma jirrizulta li saret ebda rizerva fl-ammissjoni tal-appellant u dan ghalkemm dak in-nhar kien assistit mill-Avukat ta' fiducja tieghu. L-ammissjoni tidher ghalhekk li kienet wahda generali u mhux kif irid jaghti x' jifhem l-appellant limitata biss ghall-ewwel imputazzjoni w ghall-addebitu tar-recidiva.**

**Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza** "Il-Pulizija vs.Joseph Mohnani" **[28.4.1993] :** ***"il-Qorti ma tistax thares b' leggereza ghall-verbali ta' Qorti ohra fis-sens illi dawn ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet almenu prima facie sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball."*** **(ara wkoll App. Krim.** "Il-Pulizija vs. Anne Montfort" **[30.4.2004]**

Illi l-fatt li din l-ammissjoni inkondizzjonata u bla limitazzjoni tigi li allura kienet kemm ghall-ewwel imputazzjoni ta' serq kif ukoll ghat-tieni imputazzjoni alternattiva ta' ricettazzjoni ma jfissirx necessarjament li tkun saret bi zball jew involontarjament. Din il-Qorti qed tiltaqa' ma diversi kazijiet fejn qed tigi registrata

ammissjoni f' dan is-sens u bla kwalifiki quddiem il-Qrati tal-Magistrati, hafna drabi frott tal-ghaggla zejda w nuqqas ta' direzzjoni w senjalazzjoni tal-istess avukati li jkunu qed jippatrocinaw lill-akkuzati, li suppost jaghmulha cara ghall-klient taghhom u lill-Qorti liema mill-kapi alternattivi ikunu qed jigu ammessi.

**Pero', gara x' gara, f' dan il-kaz l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qaghdet attenta hafna li tispigola l-ammissjoni tar-reat ta' serq taht l-ewwel imputazzjoni minn dak ta' ricettazzjoni w, fil-waqt li sabet htija fil-kaz tal-ewwel imputazzjoni, ma sabitx htija tal-kap alternattiv tar-ricettazzjoni. Ghalhekk l-appellant ma garrab ebda pregudizzju f' dan il-kaz, ghaliex proprju nstab hati tar-reat li llum qed jghid li ried jammetti. Imma anki jekk kien ikun ahjar li fl-istadju tal-ammissjoni kien gie specifikament verbalizzat liema miz-zewg kapi alternattivi kien qed jigi ammess u hekk suppost li ghandu jsir, dan in-nuqqas ma jistax jghin lill-appellant fl-argument tieghu li allura hu ma kienx verament ammetta ukoll it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni. Din il-limitazzjoni ma tirrizultax mill-atti. Anzi kollox jindika li l-Ewwel Qorti kienet qed tagixxi fuq l-assunzjoni korretta li kien hemm ammissjoni generali, tant li ma tkomplewx jinstemghu il-provi ghajr ix-xhieda tal-probation officer tal-appellant, bhala xhud tad-difiza, u dan ovvjament ghal skop ta' piena w mhux biex tigi konstatata il-htija o meno ghar-reati ta' attakk w rezistenza, ingurji, theddid u offiza ta' natura hafifa fuq zewg kuntistabbli, u li ma obdiex l-ordni legittima ta' l-awtorita' w li fixkilhom waqt li qed jaqdu d-dmirijiet taghhom. Di fatti, wara li xehdet Marietta Lanzon u saret seduta li fiha ma sar xejn, ghax l-appellant ma deherx, <u>kien l-istess appellant li ghamel rikjesta biex il-kawza tithalla ghas-sentenza</u> fis-seduta ta' wara w cioe' dik tat-13 ta' Marzu, 2006 (fol.49) u hekk sar fid-29 ta' Marzu, 2006. Kollox ghalhekk jindika li kien hemm ammissjoni b' mod generali w mhux wahda selettiva w dan hu rifless fl-*iter* processwali.**

Illi umbaghad l-appellant mhux xi novell fl-affarijiet procedurali tal-Qrati anzi hu midhla sew ta’ dan l-edificcju. Tant li mill-1984 ‘l hawn gie kundannat minn dawn il-Qrati mhux inqas minn tmin darbiet - apparti dan il-kaz u f’ xi kawzi ohra pendenti – fuq akkuzi serji bhal ma huma dawk ta’ serq, tentattiv ta’ serq, pussess ta’ droga cannabis u eroina, falsifikazzjoni ta’ dokumenti, hsarat f’ cella ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta u sewqan bla licenzja w insurance. Ghalhekk mhux probabbli li hu gie travolt b’ mod injar f’ xi ammissjoni bi zball ta’ akkuzi li ma riedx jammetti ghalihom.

**Ghal dawn il-motivi dan l-uniku aggravju tal-appellant qed jigi respint u konsegwentement l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------